Ref Taghna: P.1552/2020

Illum 23 ta' April, 2020

Is-Sur Darryl Grima
Is-Sur Mark Sultana
Birdlife Malta

Sinjuri,

Nagħmel referenza għall-kwerela tagħkom tat-22 t'April 2020 dwar l-allegata validita` o meno tal-liċenzi speċjali għall-Kaċċa għas-Summien fir-Rebbiegħa 2020

Wara li din il-kwerela ġiet mistħarrġa fil-fond, għandi ninfurmakom li fil-fehma tagħna m'hemmx lok li jittieħdu passi kriminali abbażi taċ-ċirkostanzi minnkom msemmija.

Dan peress illi l-bażi tal-azzjoni mitluba fil-kwerela, hi msejsa fuq il-premessa tagħkom illi l-liċenżi maħruġa huma invalidi għax ġew maħruġa b'mod *ultra vires.* Intkom tassumu ukoll illi jekk, biss għall-grazzja tal-argument, il-licenzji huma difettużi allura kull min agixxa abbażi tagħhom ikkommetta reat. Din il-konklużjoni ma ssegwix.

Id-dover tal-Pulizija hu li tinforza l-liġijiet tal-pajjiż hekk kif promulgati mill-organi kompetenti tal-Istat. Kif ċertament tafu u tapprezzaw, il-poter legali għas-sindakar tal-validta` tal-liġijiet u tal-atti amministrattivi f'Malta hu fdat f'idejn Istituzzjonijiet *ad hoc* tal-Istat u l-Pulizija ma tistax u m'għandhiex tużurpa poteri, doveri u funzjonijiet li mhumiex tagħha.

Għaldaqstant, il-Pulizija m'għandha l-ebda poter taġixxi f'dan ir-rigward kif mitlub minnkom.

Tant biex tgħarrfu timxu.

Inselli għalikom,

Carmelo Magri
Aġent Kummissarju tal-Pulizija

Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Pjazza San Kalċidonju, Floriana - Malta, FRN 1530
+356 2122 4001 | pulizija@gov.mt | pulizija.gov.mt